24 ta' April, 1953

Imħallfin :—

Is-S.T.O., Dr. L.A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Salvatore Micallef pr. et no. *versus* Joseph Bonnici et.

**Soċjetà Irregolari — Obligazzjoni Solidali tas-Soċi Quddiem it-Terzi — Art. 186 para. 2 u 188 para. 2 tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Il-fatt li soċjetà ma tkunx saret bil-miktub u bil-publiċità li trid il-liġi jġib biss għall-konsegwenza li dik is-soċjetà tkun irregolari; liema irregolarità ma hix opponibili lit-terzi li jkunu nnegozjaw magħha in buona fede. B'mod li s-soċi jkunu responsabili solidalment quddiem it-terzi.*

*Jekk imbagħad is-soċi jinqatgħu minn xulxin u ma jibqgħux sħab, imma ebda notizja ta' dan ma jagħtu lit-terzi, u jibqgħu jaħdmu mat-terzi bħal li kieku għandhom interess komuni, fl-operazzjonijiet li jagħmlu wara dak ix-xoljiment huma jibqgħu wkoll responsabili solidalment quddiem it-terzi.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur proprio et nomine, wara li ppremetta illi l-atturi importaw u nnegozjaw, flimkien mad-ditta konvenuta, diversi partiti laring minn Tripoli, bejn is-26 ta' Novembru 1949 u s-27 ta' Frar 1950, u ftehmu li jaqsmu l-profitti bejniethom it-tlieta regolarment, u preċiżament terz kull wieħed l-atturi u terz id-ditta konvenuta; u illi d-ditta konvenuta kienet inkarikata mill-bejgħ ta' l-imsemmija merkanzija f'Malta u kienet tinkassa l-flus; u illi, għalkemm interpellata ripetutament, id-ditta konvenuta naqset tagħti kontijiet dettaljati rigward l-inkassi u l-ħruġ ta' flus fl-okkażjoni tal-bejgħ ta' l-imsemmi laring, u għalhekk ma jistgħux jiġu likwidati r-rispettivi krediti u debiti tal-kontendenti; u illi l-attur Salvatore Micallef f'ismu proprju, f'Novembru 1949, kien ikkonsenja lill-istess ditta konvenuta partita bużnalja, u f'okkażjoni oħra tank żejt, sabiex jiġu mibjugħa mid-ditta konvenuta, u l-istess ditta naqset ukoll tagħti kontijiet dettaljati dwar l-inkassi u l-ħruġ fl-okkażjoni tal-bejgħ ta' din il-merkanzija;

talab illi l-konvenuti jiġu kundannati (1) li jagħtu kont, fi żmien qasir u perentorju, lill-attur proprio et nomine, tal-inkassi u ħruġ magħmulin mid-ditta konvenuta fl-okkażjoni tal-bejgħ ta' l-imsemmija partiti tal-larinġ; (2) jagħtu kont, fi żmien qasir perentorju, lill-attur Salvatore Micallef proprio ta' l-inkassi u ħruġ magħmulin mid-ditta konvenuta fl-okkażjoni tal-bejgħ ta' l-imsemmijin partiti bużnalja u żejt. B'riżerva ta' azzjonijiet oħra u bl-imgħax kummerċjali; bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Marzu 1952;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Paolo Bonnici, li rrespinġa d-domandi, għar-raġuni li ma jiffurmax parti mid-ditta konvenuta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-8 ta' Jannar 1953, li biha dik il-Qorti rrespinġiet it-talbiet in kwantu diretti kontra l-konvenut Paolo Bonnici, bl-ispejjeż kontra l-attur, u laqgħet l-istess talbiet inkwantu huma diretti kontra l-konvenut l-ieħor Giuseppe Bonnici, bl-ispejjeż kontra l-istess Giuseppe Bonnici, u tagħtu xahar żmien biex jirrendi l-kontijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Illi l-attur proprio et nomine ma ppruvax soddisfaċentement illi fiż-żmien li saru l-operazzjonijiet indikati fl-att taċ-ċitazzjoni kienet teżisti soċjetà kummerċjali bejn il-konvenut Giuseppe Bonnici u l-konvenut l-ieħor ibnu Paolo, kif jista' jagħti lil wieħed li jaħseb l-isem tad-ditta konvenuta "Joseph Bonnici & Son". L-atturi jippretendu, u dan urewh mhux biss bil-produzzjoni ta' fattura tad-ditta konvenuta, imma anki ċar u tond fit-trattazzjoni orali tal-kawża, illi l-fatt li ma' l-isem tal-konvenut Giuseppe Bonnici hemm aġġunta l-appendiċi "& Son" għandu bilfors juri u jipprova li l-konvenut Paolo, ibnu, għandu parti fid-ditta. Dana però mhux korrett, u ma hemmx bżonn li wieħed jikteb ħafna biex juri l-fallaċja ta' l-argument. Naturalment ċirkustanza tali tassumi l-importanza tagħha kollha flimkien ma' ċirkustanzi oħra; imma meta ċirkustanzi oħra huma ineżistenti, u anki hemm il-prova kuntrarja soddisfaċentement raġġunta, dik iċ-

ċirkustanza weħedha ma twassalx għal dak li l-attturi jippretendu. Huwa veru illi d-ditta ma għandhiex tissorprendi l-ħwona *fede tat-terzi*, u *għalhekk għandha tikkorrispondi għar-realtà* tal-ħwejjeġ, għandha tkun vera u sinċiera, u ċertament ma tkunx tali jekk kummerċjant jaġġungi għal ismu u kunjomu xi kliem li jistgħu jagħtu lil wieħed li jaħseb fl-eżistenza ta' soċjetà kummerċjali, li taġġungi importanza indebita lin-negozju tiegħu u tikkapparralu kreditu li ma jkunx jisthoqqlu. Dina l-aġġunta hija menzonjera, u għalhekk il-leġittima, u tista' tapporta konsegwenzi koroh lil min jagħmilha; imma dana biss, bħala regola, ma jirrendix soċju mieghu, jew *formanti parti mid-ditta, lil min ma jkunx soċju*, jew ma jkunx tabilħaqq jifforma parti mid-ditta; salvi każijiet partikulari; u għalhekk, jiġifieri minħabba dawn il-konsegwenzi serji fuq aċċennati, min irid jaġġungi ma' ismu xi frażi bħal dawk li ssemmew, appuntu biex jillibera ruħu minn kwalsijasi konsegwenza, għandu jimmanifesta u jirrendi nota dik iċ-ċirkustanza b'nota preżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti, publikata bl-avviż fil-Borża, fil-Gazzetta tal-Gvern, u f'ġurnal ieħor perijodiku;

*Illi mill-kumpless tal-provi jirriżulta li l-operazzjonijiet* indikati fl-att taċ-ċitazzjoni tabilħaqq saru mal-konvenut Giuseppe Bonnici, li jeżerċita l-kummerċ taħt id-ditta fuq indikata, u li l-kontijiet relativi dana Giuseppe Bonnici għadu ma rrendihomx regolarment;

Illi għalhekk it-talbiet ta' l-attur huma sostenibili, u għandhom jiġu milqugħa, in kwantu diretti kontra l-imsemmi konvenut Giuseppe Bonnici;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, li appella mis-sentenza tat-8 ta' Jannar 1953, tal-Qorti tal-Kummerċ;

Rat il-petizzjoni ta' l-attur appellant, li talab li s-sentenza appellata fuq imsemmija tiġi riformata, fis-sens li jiġi konfermat il-kap li bih l-Ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut Giuseppe Bonnici jirrendi fi żmien xahar il-kontijiet mitluba fiċ-ċitazzjoni u jħallas l-ispejjeż ġudizzjarji, u jiġi revokat il-kap li bih it-talbiet ġew miċħuda in kwantu diretti kontra l-konvenut l-ieħor Paolo Bonnici, bl-ispejjeż kontra l-attur, u li jiġi deċiż fis-sens li t-talbiet ta' l-attur jiġu milqu-

għa kontra ż-żewġ konvenuti flimkien kif dedott fl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-kwistjoni devoluta quddiem dina l-Qorti hija jekk Paolo Bonnici quddiem l-attur kienx responsabili flimkien ma' missieru Giuseppe Bonnici fl-obligazzjoni assunta ma' l-attur mid-ditta "Joseph Bonnici & Son";

Ikkunsidrat;

Illi l-appellati jsostnu li Paolo Bonnici qatt ma kien soċju ma' missieru fid-ditta "Joseph Bonnici & Son", u ma kellux x'jaqsam ma' l-operazzjonijiet li tagħhom l-attur qiegħed jitlob ir-rendikont. Iżda quddiem l-Ewwel Qorti Paolo Bonnici stqarr li għal aktar minn sena kien soċju ma' missieru, u kien wara dan li beda jinnegozja għal rasu (fol. 21), għalkemm fl-operazzjonijiet in kwistjoni ma kienx għadu soċju. Mill-banda l-oħra Giuseppe Bonnici ċaħad li Paolo Bonnici qatt kien soċju tiegħu (fol. 22); u f'din l-istanza Paolo Bonnici stess ikkorreġa ruħu, billi qal li soċju ma kien qatt, iżda kien sempliċi impjegat ta' missieru (fol. 40). Hawn tidħol il-kwistjoni tal-kredibilità; u l-Qorti hija tal-fehma li kienet l-ewwel versjoni, li Paolo Bonnici ta quddiem l-Ewwel Qorti, li għandha titwemmen. U tabilħaqq, huwa sintomatiku li Paolo Bonnici fittex jikkorreġi ruħu quddiem dina l-Qorti biss, u diversi ċirkustanzi juru li t-tieni versjoni ma tirrappreżentax il-verità. L-ewwelnett, huwa kien jieħu interess dirett fin-negozju tad-ditta fil-maħżen stess ta' missieru; u saħansitra, fit-tieni operazzjoni li l-attur għamel mad-ditta, kif xehed l-attur stess, huwa ittratta personalment ma' l-attur u aċċetta li jaħdem il-partita flimkien ma' missieru (fol. 39 wara). Barra minn dan, l-isem tad-ditta kien juri li huwa kien inkluż fiha, għax huwa l-iben waħdani ta' missieru (fol. 40 wara); u għalhekk iż-żieda fir-raġjon soċjali tal-kliem "& Son" ma' l-isem tal-missier ma setgħetx tfisser ħaġ'oħra ħlief l-inklużjoni tiegħu stess. U dik iż-żieda "& Son" ma kienetx minn dejjem, iżda, kif xehed Giuseppe Bonnici stess, saret meta Paolo Bonnici ħareġ għan-negozju (fol. 22). Bir-raġjon soċjali Paolo Bonnici kien jaf, u qatt ma għamel ebda

dikjarazzjoni kuntrarja, jew protesta, biex jiftaħ għajnejn it-terzi li fid-ditta huwa ma kellux x'jaqsam xejn; anzi kien ikompli jiffrekwenta l-maħżen tad-ditta u jindaħal fin-negozju tad-ditta. U la Paolo Bonnici kien ħareġ għan-negozju meta saret dik ir-raġjon soċjali, huwa ma kienx sempliċi impjegat ta' missieru kif ried ifisser quddiem dina l-Qorti (fol. 40). U tabilħaqq, fix-xhieda li ta quddiem l-Ewwel Qorti, Paolo Bonnici kien ċar u espliċitu ħafna, għax beda biex qal li meta ħareġ għall-business, dam aktar minn sena soċju ma' missieru, u mbagħad telaq u beda business għal rasu (fol. 21); u ssokta jgħid li meta daħal soċju ma' missieru, ma għamel miegħu ebda kuntratt ta' soċjetà, u li meta spiċċa mis-soċjetà ma' missieru, dan ma baqax iħallsu hu (fol. 22). Dan kollu mhux kompatibili mat-tieni versjoni ta' Paolo Bonnici li kien sempliċi impjegat;

Ikkunsidrat;

Illi huwa minnu li għas-soċjetà ta' Giuseppe u Paolo Bonnici la kien hemm il-kitba u wisq anqas il-publiċità li trid il-liġi. Iżda dana jġib biss għall-konsegwenza li bejniethom kien hemm biss soċjetà irregolari taħt ir-raġjon soċjali ta' "Joseph Bonnici & Son"; għax l-irregolarità mhix opponibili lit-terzi li jkunu nnegozjaw magħha fil-bona fede (art. 136 para. 2 Kodiċi Kummerċjali — ara sentenza ta' din il-Qorti tal-21 ta' Frar 1923 in re "Cousin vs. Azzopardi", Kollez. Vol. XXV—I—966). Iċ-ċirkustanzi tal-fatt li bejniethom kien hemm ftehim ta' soċjetà, kif jirriżulta mill-ewwel xhieda ta' Paolo Bonnici, li kienu jittrattaw mat-terzi bħala soċji, f'maħżen u sedi waħda, u li kienu publikament jinnegozjaw fl-istess ġeneru taħt raġjon soċjali li tinkludi isimhom it-tnejn, fil-kumpless tagħhom kienu juru biżżejjed ċar li bejniethom kien hemm soċjetà irregolari li kienet tirrendihom solidalment responsabili quddiem it-terzi (ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ ta' l-20 ta' April 1914 in re "Nicola Attard vs. Clemente Tayar et.", Kollez. Vol. XXII, Parte III, paġina 117). U meta huma qatgħu minn ma' xulxin, skond ma xehdu, u ma baqgħux soċji, ebda notizja ta' dan ma taw lit-terzi, għax baqgħu jaħdmu fl-istess sedi, l-istess ġeneru ta' negozju, u jittrattaw mat-terzi bħal li kieku

kellhom interess komuni; tant li fit-tieni partita ta' negozju ma' l-attur anki Paolo Bonnici aċċetta li jidħol għaliha (dep. attur fol. 39 wara); u Giuseppe Bonnici żamm, bil-konsapevolezza ta' ibnu Paolo, l-istess isem tad-ditta, li kienet tinkludi, mingħajr ebda possibilità ta' ekwivoku, anki lil dak ibnu Paolo, li, kif gà ntqal, kien l-iben uniku ta' Giuseppe Bonnici, u għalhekk l-"& Son" ma setgħetx talludi ħlief għalih;

Għaldaqstant anki allura, bl-inosservanza tal-formalità preskritta fl-art. 138 § 2 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, is-soċjetà irregolari ta' bejniethom kompliet irregolarment, b'mod li anki, indipendentement mill-fatt li fit-tieni partita Paolo Bonnici wkoll kien imdaħħal personalment, iż-żewġ kontendenti ilimkien u "in solidum" kienu responsabili tan-negozju li sar ma' l-attur (ara sentenza ċit. Vol. XXII—III—118);

*Għaldaqstant* l-appell ta' l-attur għandu jiġi milqugħ;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-attur, u tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tirrevokaha in kwantu ċaħdet it-talbiet in kwantu diretti kontra Paolo Bonnici, bl-ispejjeż, u tilqa' t-talbiet anki in kwantu diretti kontra l-istess Paolo Bonnici, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, fuq dan il-kap, kontra Paolo Bonnici; u għall-finijiet tat-talbiet *tagħti* lil Paolo Bonnici xahar żmien ħalli jirrendi l-kont lill-attur.

---